

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Kőzponti Kerőleti Bíróság (l-Ungerija) fl-20 ta' Novembru 2013 — Martin Meat Kft. vs Géza Simonfay u Ulrich Salburg**

(Kawża C-586/13)

(2014/C 71/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

#### Qorti tar-rinviju

Pesti Kőzponti Kerőleti Bíróság

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Martin Meat Kft.

Konvenuti: Géza Simonfay, Ulrich Salburg

#### Domandi preliminari

(1) Huwa każ ta' "provvista ta' ħaddiema", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari tad-definizzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-307/09 sa C-309/09<sup>(1)</sup>, meta l-prestatarju jimpenja ruħu li jipproċessa karkassi taċ-ċanga permezz tal-ħaddiema tiegħu stess fil-biċċerija tal-klijent, fejn huwa jipproċessa n-nofs karkassi taċ-ċanga fil-bini li dan qiegħed jikrili, u jipakkjahom f'pakketti ta' laħam lesti għat-tqegħid fis-suq, u li huwa mħallas skont il-kilogrammi ta' laħam ipproċessat, fejn huwa stabbilit li r-remunerazzjoni miftiehma tinnaqqas f'każ ta' kwalità insuffiċjenti, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-prestatarju jipprovdi dan is-servizz, fl-Istat ospitanti, għall-uniku u l-istess klijent u li dan tal-aħħar iwettaq ukoll il-kontroll tal-kwalità tax-xogħol ta' proċessar tal-laħam?

(2) Il-prinċipju fundamentali stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C307/09 sa C309/09, li permezz tiegħu il-provvista ta' ħaddiema tista' tiġi suġġetta għal restrizzjonijiet matul it-tul ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema previsti mit-Trattati dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri li nġhaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, huwa wkoll applikabbli għall-kollokament ta' ħaddiema lejn l-Awstrija, fil-kuntest ta' provvista ta' ħaddiema, minn impriża bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, meta dan il-kollokament ma jseħħx f'settur protett fis-sens ta' trattati ta' adeżjoni?

<sup>(1)</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Frar 2011.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fid-19 ta' Novembru 2013 — F.E. Familienprivatstiftung Eisenstadt**

(Kawża C-589/13)

(2014/C 71/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: F.E. Familienprivatstiftung Eisenstadt

Konvenut: Unabhängiger Finanzsenat Außenstelle Wien

#### Domanda preliminari

L-Artikolu 56 KE (li issa sar l-Artikolu 63 TFUE) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema ta' impożizzjoni ta' dħul mill-kapital u ta' dħul mit-trasferiment ta' holdings ta' fondazzjoni Awstrijaka, li tippovdi l-issuġġettar tal-fondazzjoni għal "taxxa provviżorja", sabiex tiġi ggarantita impożizzjoni unika nazzjonali, biss fil-każ fejn, minħabba ftehim kontra t-taxxa doppja, il-benefiċjarju ta' donazzjonijiet tal-fondazzjoni jkun eżentat mit-taxxa fuq id-dħul mill-kapital li bħala prinċipju hija imposta fuq id-donazzjonijiet?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-21 ta' Novembru 2013 — "ġo fair" Zeitarbeit OHG vs Finanzamt Hamburg-Altona**

(Kawża C-594/13)

(2014/C 71/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: "ġo fair" Zeitarbeit OHG

Konvenut: Finanzamt Hamburg-Altona

#### Domandi preliminari

(1) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE<sup>(1)</sup>, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: